MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 142/2009

**A B, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C D**
**vs**
**E F D, G F H**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi fl-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) twieldet il-minuri tifla C D skond certifikat tat-twelid numru wiehed erbgha tmienja tnejn tas-sena elfejn u disgha (1482/2009);

2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-intimat E F D, fil-fatt

il-minuri giet koncepita f' kors ta' relazzjoni li r-rikorrenti A B ghandha ma' l-intimat G F H;

3. Illi r-rikorrenti A B u l-intimat Damien F D sseparaw legalment permess ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi;

4. Illi r-rikorrenti A B u l-intimat E F D zzewgu fl-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgha u ilhom de facto separati sa mill-ahhar ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007);

5. Illi r-rikorrenti proprju et nomine qed titlob ukoll li l-minuri tkun registrata bil-kunjom H B;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li l-intimat E F D m' huwiex il-missier naturali tal-minuri C;

2. Tiddeciedi u tiddikjara l-intimat G F H huwa l-missier naturali tal-minuri C li twieldet fl-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009);

3. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri C (Att Nru, 1482 tal-2009) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-isem 'E F D' u tissostitwih bl-isem 'G F H' u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b' dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra lil minuri bil-kunjom 'H B';

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament ta' l-anqas mill-atti li gew servuti lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri C D skond l-Artikolu 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Maghdud ma' dan irrispettivament mill-presenza o meno tal-imsemmija awtorizzazzjoni, hija l-umli fehema tal-esponenti li sabiex jigu accertati li l-interessi tal-minuri C Caaruana jipprevalu u ma jkunx hemm ir-riskju li l-interessi personali ta' A B jiehdu post dawk tal-minuri huwa vitali li l-minnuri tkun rapprezentata minn persuna indipendenti mill-kwistjonijiet interni li jezistu bejn il-partijiet kontendenti li huma partecipi f' dawn il-proceduri;

2. Illi in vena preliminari wkoll l-esponent m' huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali;

3. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost jehtieg li tigi pprovata l-impossibilita' fizika tal-kongungiment bejn il-rikorrenti A B u E F D tul il-perjodu li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll li jigi ppruvat li l-pussess ta' stat tal-minuri C D ma jaqbilx ma' l-istat li jaghtiha l-Att tat-Twelid korrispettiv a tenur tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi subordinatament bla pregudizzju ghall-premess f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, huwa importanti sabiex tintlaqa' t-tielet talba sussegwenti li r-rikorrenti tispecifika d-dettalji personali kollha tal-allegat missier naturali, senjatament l-isem u l-kunjom, id-dokument ta' l-identita', l-eta', il-post tat-twelid, il-post ta' residenza u isem u kunjom tal-missier patern u jekk ghadux haj, sabiex dawn jigu inseriti fl-Att tat-Twelid kif korrett;

5. Illi finalment minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m' hijix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E F D li biha rrisponda li hu m' ghandux oppozizzjoni ghat-talbiet dedotti mill-attrici, salv ghal kap ta' l-ispejjez;

Rat in-nota prezentata mill-konvenut G F H li biha ammetta t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, stante li huwa l-missier naturali tat-tifla C li twieldet fl-20 ta' April 2009;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2009 li permezz tieghu d-Direttur konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar minnhom debitament mahluf;[1]

Rat l-Atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla C D, li twieldet mill-attrici fl-20 ta' April 2009 u fl-att tat-twelid taghha numru 1482/2009 giet registrata bhala l-wild ta' E F D, hija fil-fatt il-wild naturali tal-konvenut G F H.

**Il-Fatti**
Illi jirrizulta assodat mill-provi li l-attrici u l-konvenut E F D li zzewgu fl-14 ta' Awissu 2007, isseparaw de facto f'

[1] Fol.27 *et seq.*

Settembru ta' l-istess sena, u li minn dak inhar dawn il-partijiet ma kellhomx relazzjonijiet intimi aktar flimkien. Dan jinsab konfermat minnhom it-tnejn.

Fl-4 ta' Novembru 2008 huma iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Illi fl-20 ta' April 2009 twieldet mill-attrici t-tifla C, registrata bhala D, minn relazzjoni li din kellha sussegwentement mal-konvenut G F H.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jassodaw dawn il-fatti billi jikkonfermaw li l-imsemmi G F H huwa l-missier naturali u bijologiku  ta' l-imsemmija tarbija.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla C D li twieldet mill-attrici fl-20 ta' April 2009, mhijiex il-wild naturali tal-konvenut E F D, izda hija l-wild naturali tal-konvenut G F H; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid fit-termini tat-tielet u tar-raba' talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament mill-attrici proprio u mill-konvenut G F H, f' porzjonijiet ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------